# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 624/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Dominic Ceci**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlett liri Maltin (Lm603.00) rapprezentanti import ta' seba' (7) kambjali, wahda ta' Lm21 u is-sitta l-ohra ta' Lm97 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru, 2000, sa' Gunju, 2001,

rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 7 konsekuttivament u inkluzivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-14 ta' Gunju, 2001, jammontaw ghal Lm11, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' tliet mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm324.00).

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-8 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur